MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-7 ta' Frar, 2005

Avviz Numru. 2204/1997/1

**Korporazzjoni Enemalta**

**Vs**

**Carmelo Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih il-Korporazzjoni attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jigi kundannat li jhallas lill-istess Korporazzjoni s-somma ta' tlett mija u erba' u disghin lira u tmien centezmi (Lm394.08) rapprezentanti hsarat kawzati mill-konvenut fuq propjeta tal-istess Korporazzjoni attrici f'Qawra Point kantuniera ma' Triq it-Turisti, Qawra fl-4 ta' April 1995 liema hsarat graw unikament minhabba mperizja u traskuragni da parte tal-konvenut.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta' l-ittri ufficjali tat-3 ta' Gunju 1996 u tat-30 ta' April 1997 u bl-interessi mid-data tan-

notifika ta’ l-istess ittra ufficjali. l-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenut (fol 4 tal-atti) u li biha eccepixxa bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illim hux assolutament minnu illi l-hsara lamentata mill-ente attrici ma sehhet bl-ebda mod b’rizultat ta’ xi imperizja jew traskuragni attribwibbli lill-eccipjenti;
2. Illi effettivament kif jista’ jirrisulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza, l-hsarat de quo sehhew bhala rizultat dirett ta’ istruzzjonijiet u direzzjonjiet zbaljati li kienu inghataw minn ufficjali tal-istess Korporazzjoni u dan kif gie ikkonfermat b’mod inekwivokabbli fix-xhieda moghtija fil-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fejn l-eccipjenti gie liberat minn kull htija ta’ l-akkadut.
3. Illi ghaldaqstant din il-karenza lampanti ta’ indikazzjoni zbaljati wasslet ghal allegati hsarat, filwaqt li ipperikolat b’mod car u manifest il-haddiema tal-eccipjenti.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri

Rat l-atti kollha tal-kawza.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi <u>Ivan Vassallo</u> (Fol 12 u fol 13 tal-atti) li, meta gara l-incident in esami, kien impjegat mal-Korporazzjoni attrici bhala ‘jointer’ u li kien ra l-istess incident jsir peress li kien presenti, spjega illi kien mar fuq il-post tal-incident minhabba li kien ser jigi riparat ‘cable’. In rigward thaffir fl-istess post, kien inkarigat ‘certu Galea’ ossija l-konvenut odjern. Hawnhekk, gie spjegat lill-konvenut u lill-haddiema tieghu ‘.. fejn il-kuntrattur kellu jhaffer’ u dan permezz tal-pjanti relattivi. Wara li nbeda x-xoghol ta’ thaffir u dan kien wasal l-isfel, f’livell ta’ pied u nofs (1’6”), l-istess kuntrattur kien inghata l-parir sabiex ma jkomplix it-thaffir bl-apparat maghruf bhala ‘JCB’ izda jissokta l-istess xoghol bl-idejn u dan minhabba l-fatt li t-thaffir kien ser jsir vicin hafna ta’ ‘cable’ in kwistjoni. Pero’, avolja x-xhud kien

nizel fit-trinka gja mhaffra u wera lill-konvenut ic-cangatura li kienet madwar il-‘cable’, jidher li dan gie injorat ghal kollox u tkompla t-thaffir bil-mezz hawn fuq indikat. Bhala konsegwenza, ‘… sploda l-‘cable’ in vista li ntlaqat mill-istess appartat (ara ukoll ix-xhieda ta’ Mario Sultana a fol 32 u fol 33 ibid kif ukoll dik moghtija minn Carmelo Pace a fol 34 u fol 35 ibid).

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut meta xehed (fol 37 et seq ibid) sostna li l-‘cable’ li kellu jigi riparat ma kienx fl-istess posizjoni li kienet giet indikata lilu u markata bl-ahmar, mill-impjegati tal-Korporazzjoni attrici. Dwar dan hu qal testwalment ‘Ma (il’cable’) kienx ghaddej taht il-linja l-hamra li semmejt‘ waqt li, qabel, kien xehed, ukoll testwalment. Fil-fatt, qaluli sabiex inhaffru, fuq ix-xellug tal-istess ‘cabel’ sabiex ninzlu ghalih’. Hu kompla biex jghid illi hu ma kienx presenti waqt li kien qed jigi esegwit ix-xoghol ‘…. izda kont ninsab band’ohra. Hawnhekk hu sema’ fattur gdid li lanqas kien sar accenn ghalih fl-eccezzjonjiet sottomessi minnu. Difatti hu qal li, inkarigat mix-xoghol in esami, ma kienx hu, personalment, izda s-socjeta ‘Calex Construction Limited’ li maghha kien impjegat bhala ‘foreman’. Waqt il-kontro esami, hu kkonferma li meta ntlaqat il-‘cable’ in kwistjoni ‘… konna qed nuzaw il-‘JCB’’. Hu spjega dan billi qal illi kienu l-impjegati tal-Korporazzjoni attrici li ‘…. Qalulna … li minn hemm il-quddiem ma kienx hemm ‘cables’ minghajr, pero’ ma seta jiftakar minn kien qallu dan, minn fost l-impjegati. Fl-ahhar nett ix-xhud, b’mod sorprendenti qal, testwalment ‘… ahna sibna l-‘cable’ bil-‘JCB’ xi ftit passi l-boghol mill-linja’ l-hamra.

Ikkunsidrat

Illi, tenut kont ta’ dak kollu premess, jidher evidenti li l-konvenut kien, qed jesegwixxi x-xoghol moghti lilu, b’mod altament imprudenti u traskurat. Difatti jidher evidenti illi x-xoghol ta’ thaffir, fil-vicinanzi immedjati tal-‘cable’ ma kellux jigi esegwit bil-mezz li kien dak il-hin, qed jintuza izda kien jkun prudenti li dan jsir skond kif indikat lilu minn

Ivan Vassallo, permezz ta' mezzi ohrajn u b'hekk tigi evitata l-hsara kif deskritta.

In rigward il-premess, oltre li jigu notati l-kontradizzjonijiet esistenti fix-xhieda tal-istess konvenut, il-Qorti notat ukoll li 'ex admissis', il-konvenut ma kienx presenti waqt l-esekuzzjoni tax-xoghol izda kien 'band'ohra' meta kien prudenti illi jkun presenti waqt li kien qed jsir thaffir madwar l-istess 'cable'.

Illi, ghalhekk, il-konvenut personalment, ghandu jigi ritenut responsabbli ghall-hsara fl-istess 'cable' in vista li esegwixxa l-inkarigu moghti lilu kontra dak l jinghad fl-artikolu 1132, fejn ukoll issir referenza ghall-artikolu 1032, dejjem tal-Kodici Civili.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-'quantum' pretiz li ma giex kontestat minn xi prova prodotta mill-konvenut, ghandha ssir referenza ghax-xhieda ta' Silvio Decilis u d-dokumenti esebiti mill-istess xhud (fol21 sa fol 25 ibid) minn fejn jirrisulta illi l-istess 'quantum' ghandu jigi likwidat fl-ammont mitlub fl-avviz.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti tilqa t-talbiet attrici u

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala responsabbli ghall-incident in esami minhabba imperizja u traskuragni da parti tal-konvenut.
2. Tillikwida l-ammont ta' hsarat fis-somma ta'Lm394.08,0 u;
3. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jhallas lill-Korporazzjoni attrici s-somma ta' Lm394.08,0 bl-imghax legali mid-data tan-notifika lill-konvenut tal-ittra ufficjali tat-3 ta' Gunju 1996 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali gja msemmija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------